KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Kunsill Lokali Paola**

**Laqgħa Generali Annwali – April 2013**

Il-ħidma ta' kuljum fil-Kunsill Lokali Paola kompliet għaddejja gmiela bit-tindif ġenerali, ġbir ta' skart domestiku u dak goff, tindif ta' ġonna u soft areas, sinjali tat-traffiku, operat ta' latrini pubblici u ħafna oħrajn. Min hawn nixtieq nirringrazzja lil kuntratturi u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill Lokali Paola li ta' kuljum jagħmlu dan ix-xogħol. Fadal ħafna x'intejbu fis-servizz izda bl-għajnuna ta' kullhadd naslu. Ma nistax fuq dan l-aspett ma nurix id-dizappunt tieghi fejn tidhol l-indafa ġenerali madwar il-Lokali. Il-Kunsill Lokali Paola jonfoq ħafna flus biex inaddaf u joffri servizzi fil-lokal għal indafa, iżda ftit li xejn qed nsibu koperazzjoni mill-pubbliku nġerali. Il-Lokal attrezzat b'bins apposta għal ħmieġ tal-klieb, bring in-sites għal skart riċiklat u servizz ta' bulky refuse 3 ijiem fil-ġimgħa. Nixtiequ li l-iskart domestiku jinħareg barra filgħodu kmieni u mhux matul il-lejl jew il-Hadd. Il-Kumitat Reġjonali ser ikun qed jipprovdi Eco-wardens sabiex naraw li l-indafa nġerali fil-lokal tiġi osservata u min jinqabad iħammeġ jingħata kontravenzjoni.

Matul is-sena saru diversi attivitajiet soċjali fosthom ħarġiet kulturali għal Għawdex u l-palazz tal-President. Is-sala tal-kunsill Lokali qed isservi wkoll bħala ċentru edukattiv fejn għal din is-sena qed jingħataw korsijiet b'xejn tal-Malti u Ingliż bl-għajnuna wkoll tad-dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Inxtraw aktar minn €1000 kotba għall-librerija pubblika sabiex il-librerija tal-lokali tkun ta' aktar servizz fejn jidħol qari u edukazzjoni. Dawn il-kotba ser jiġu preżentati f'Jum il-Librerija nhar il-5 ta' Diċembru 2012. Sar wkoll kors ta' "creative thinking" għal tfal bejn 8 u 12 –il-sena. F'Mejju saret wkoll wirja artistika tal-Formula wieħed. L-attivita` annwali ta' Jum Paola kellha tiġi posposta minħabba l-funeral statali tal-Perit Duminku Mintoff, minflok sar riċeviment fis-sala tal-Kunsill fejn ingħata rikonoxximent lill-Kunsilliera li servew fil-legislatura li għada kemm spiċċat, Ingħatat tifkira lil Diane Borg, atleta minn Raħal Gdid li kisbet success fl-olimpijadi ta' Londra u ingħata Gieh Paola 2012 lis-sinjura Joyce Sant, persuna li ħadmet ħafna ma l-anzjani tal-lokal matul iż-żmien. Fl-okkazjoni ta' Jum l-anzjani saret quddiesa u riċeviment għal anzjani tal-lokal fiċ-ċentru parrokjali ta' Lourdes, fejn ingħata wkoll rikonoxximent lil dawk li gew innominati għal anzjan tas-sena. F'Ottubru kelli l-unur wkoll li nipprezenta Gieħ Paola specjali lil Mons. Joseph Alessandro, l-ewwel Isqof minn Raħal Gdid. F'Settembru itellgħat l-attivita` kulturali Notte a Casal Paola mill-għaqda soċjali mużikali Kristu Sultan b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. F'Diċembru ser titgħella l-attivita annwali Milied f'Casal Paola, mis-soċjeta filarmonika Fra Antoine De Paul.

Matul is-sena ħareġ il-permess mill-MEPA sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol fuq il-proġett tal-pjazza. Bħalissa qed isir ix-xogħol neċessarju sabiex jiġu assigurati fondi biex tkun tista' tibda l-ewwel fażi ta' dan il-proġett tant mistenni mill-pawlisti kollha. Sar xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ tal-komun fi tnax il-appartament fl-akwata ta' Lourdes. Dan ix-xogħol sar b'kollaborazzjoni mal-Housing authority, fejn il-fuq minn 80 familja gawdew minn dawn il-fondi. Matul is-sena li ġejja aktar appartamenti tal-ġvern ser jibbenifikaw minn din l-iskema.

**Sindku**: Roderick Spiteri B.E.& A (Hons) A.& C.E., **Vici-Sindku**: Dominic Grima, **Kunsillieri**: Raymond Attard B.Eng. (Hons) Eng. Surv., Steven Axisa, Rita Delezio, Tyrone Muscat, Bernard Sean Lynch
**Segretarju Amministrattiv** – Kevin Borg M.M.i.M

Matul is-sena ġew installati bandli u twapet ġodda fi ġnien San Alwigi, il-Bandli ta' Ninu Cremona u dak ta' ħdejn il-Knisja ta' Sant Antnin. Il-bandli li kien hemm fi Gnien Wied Blandun ġie żarmat minn studenti ta' l-Mcast minħabba l-fatt li dan ma kienx skond ir-regolamenti tal-*health and safety*. Dawn il-bandli sar xogħol ta' manutenzjoni fuqhom mill-istudenti ta' l-Mcast stess u ġew esportati fit-Tanzania biex jitgawdew minn tfal li huma anqas ixxurtjati minna.

Wara ħafna pressjoni fuq Transport Malta sar xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Bormla u bħalissa qed isir xogħol ta' *resurfacing* fi Vjal 28 ta' April, ir-*roundabout* ta' bejn il-Fgura u Paola u r-*roundabout* magħrufa wkoll ta' ħdejn it-tabib Moran. Ser isir wkoll xogħol ta' resurfacing f'parti minn Triq l-Isqof Pietru Pace, kif wkoll major patching fi Triq il-Baċir. Il-Kunsill Lokali Paola ser jkompli jagħmel pressjoni fuq Transport Malta sabiex bħal ma saru dawn it-toroq isiru toroq oħrajn li qatt ma ġew asfaltati. Matul is-sena il-Kunsill Lokali Paola qala' daqqa ta' ħarta finanzjarja meta twaqqfu fondi li kienu jiġu allokati mis-sistema ta' LES. Matul iż-żmien il-Kunsill Lokali Paola kien igawdi aktar minn €100,000 fis-sena minn dawn il-fondi, kif wkoll kien jiġi imħallas loan li għandu l-Kunsill biex kien inbena l-uffiċju preżenti. Minħabba f'hekk xogħol li kellu jsir fuq sebgħa toroq residenzjali tal-PPP kellu jiġi pospost sakemm jinstab mezz sostenibbli biex jiġu ffinanzjati dawn it-toroq. Qed isir xogħol wkoll għal aċċess aħjar għal persuni b'diżabilita` fiz-zebra crossings madwar il-lokal.

Sar xogħol ta' tindif u manutenzjoni tal-ħajt tas-sejjieħ fil-ġnien f'telgħet Raħal Gdid. Ser isir wkoll xogħol ta' manutenzjoni fi Gnien Lorry Sant u fil-ġnien ta' Pace Grasso. Saret applikazzjoni mal-MIA sabiex jissebbaħ parti mill-ġnien ta' Wied Blandun. Jekk dan il-proġett jintrebaħ mill-Kunsill Lokali Paola jkun jista' jerġa jitwaħħal bandli ġdid u jsir paviment ġdid f'parti minn ġnien Wied Blandun. Dan il-ġnien ser ikun qed igawdi wkoll minn proġett ta' Eco skola li qed isir bejn l-iskola Materboni Consigli flimkien mal-Kunsill Lokali Paola. Il-proġett jikkonsisti f'taħwil ta' pjanti u xtieli ġodda f'parti minn dan il-ġnien.

Kompliet wkoll il-ħidma fuq il-proġetti co-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja. Saru diversi workshops barra minn Malta mill-kunsilliera u l-konsulenti tal-kunsill grazzi għal programm At Fort u Hybrid Parks. Il-Programm at Fort qed jimmira li jiġi restawrat il-fortifikazzjoni ta' Kordin, fejn f'Mejju li għadda kelli l-okkazjoni li niffirma agreement f'Utrecht fl-Olanda. Tajjeb li nifhmu li l-fondi allokati minn dawn il-programmi kollha ta' l-EU huma fondi ta' riċerka, studju w pjanar sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn il-proġetti msemmija. Għaddej bħalissa wkoll il-programm iffinanzjat mill-ESF fejn qed inħejju proġetti u korsijiet għal persuni fil-faċilita korrettiva ta' Kordin sabiex dawn jintegraw lura fis-soċjeta b'mod aktar faċli.

Qed isiru laqgħat ta' konsultazzjoni sabiex tidħol sistema ta' time parking biex b'hekk jiġu aġevolati residenti li minħabba l-influss qawwi ta' karozzi li jkollna matul il-ġurnata fil-lokal tagħna, r-residenti jsibu post diċenti fejn jipparkjaw.

Nieħu din l-okkazjoni sabiex minn qalbi nirringrazzja lil shabi l-kunsilliera tax-xoghol taghhom b'risq ir-residenti tal-Lokal.

Perit Roderick Spiteri
Sindku Paola